MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2007

Rikors Numru. 76/2007

**Louis Caruana**

**vs**

**Michael Gatt u Jack Farrugia ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` J.E.M. Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' rikorrenti datat 23 ta' Jannar 2007 fejn gie premess illi:
Permezz ta' sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 3 ta' Novembru, 1995 fl-ismijiet "Louis Caruana v. Michael Gatt u Jack Farrugia ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` J.E.M. Limited" (Cit. Nru.: 1253/89), kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dok J.E.M. 1" dik il-Qorti filwaqt li cahdet it-talba ta' l-intimat odjern bhala infondata fil-fatt u fid-dritt, ikkundannat lill-istess intimat sabiex ihallas l-ispejjez kollha tal-kawza;

Permezz ta' sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti tal-5 ta' Ottubru, 1998 fl-istess ismijiet, kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dok J.E.M. 2", din l-Onorabbli Qorti filwaqt illi cahdet l-appell ta' l-intimat odjern u kkonfermat is-sentenza appellata, ikkundannat lill-intimat ihallas l-ispejjez taz-zewg istanzi;
Illi ghaddew aktar minn hames snin minn meta s-sentenza fuq imsemmija setghet tigi ezegwita u l-intimat ghadu ma hallasx l-ispejjez tal-kawza tas-socjeta` rikorrenti u ghaldaqstant kellu jsir dan ir-rikors;
Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi sabiex tezegwixxi s-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti tal-5 ta' Ottubru, 1998 fl-ismijiet "Louis Caruana v. Michael Gatt u Jack Farrugia ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` J.E.M. Limited" *ai termini* ta' l-artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan peress illi ghaddew aktar minn hames snin mid-data ta' l-imsemmija sentenza.
Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` rikorrenti u d-dokumenti l-ohra.

Rat li l-intimat notifikat bl-istess rikors skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 187 (3) tal-Kap 12, ma pprezentax risposta u lanqas deher ghar-rikors.

Rat li Dr William Cuschieri ghan-nom tas-socjeta` rikorrenti kkonferma bil-gurament il-kontenut tar-rikors u li l-ammont indikat fir-rikors ghadu kollu dovut u li ma thallas xejn fil-mori ta’ dawn il-proceduri.

Rat is-sentenzi hemm citati.

Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta` rikorrenti tirrizulta gustifikata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti**, b’dan illi tawtorizzaha tezegwixxi s-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti tal-5 ta' Ottubru, 1998 fl-ismijiet "Louis Caruana v. Michael Gatt u Jack Farrugia ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` J.E.M. Limited".

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------